## Il-Ġimgħa, 18 ta' Diċembru 2020

It-tnissil ta' Ġesù l-Messija sar hekk:
ommu Marija,
wara li tgħarrset ma' Ġużeppi,
qabel ma marru joqogħdu flimkien,
saret omm
bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu.
Żewġha Ġużeppi, li kien raġel ġust
u ma riedx ixandarha
quddiem kulħadd, għamel il-ħsieb
li jibgħatha bil-moħbi tan-nies.
Meta kien għadu qiegħed jaħsibha,
deherlu anġlu tal-Mulej u qallu:
"Ġużeppi, bin David, xejn la tibża'
tieħu għandek lil martek Marija ..."
Ġużeppi, meta qam,
għamel kif ordnalu l-anġlu tal-Mulej,
u ħa lil martu għandu.

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 1, versi 18-20.24***

20

"Il-ħajja spiritwali li Ġużeppi jurina mhix xi triq li tispjega, imma triq li tilqa'. Hu biss minn din l-akkoljenza li wieħed jista' wkoll jiġih f'moħħu storja ikbar, tifsira iktar profonda ... Ġużeppi mhux xi ħadd li jirrassenja ruħu b'mod passiv. Tiegħu huwa protagoniżmu kuraġġuż u qawwi. L-akkoljenza hija l-mod ta' kif f'ħajjitna jidher id-don tal-qawwa li jasal għandna mill-Ispirtu s-Santu. Hu l-Mulej waħdu li jista' jagħtina l-qawwa li nilqgħu lil ħajjitna kif inhi, li nagħmlu wisa' wkoll għal dak li ma nistennewx u li jiffrustrana."

PAPA FRANĠISKU, Ittra Appostolika,
*Patris Corde*, nru 4, 8 Diċembru 2020

*Kif nirreaġixxi meta Alla jitlobni nibdel il-pjanijiet?*

*Liema huma dawk il-ħwejjeġ li jżommu lil qalbi milli tkun qalb ħielsa?*

# Qalb ħielsa

Tgħaġġibni, Mulej,
il-qalb ħielsa li Ġużeppi għandu!
Dil-qalb ħielsa tiegħu
hija qalb miftuħa kollha kemm hi għalik,
għall-ħsibijiet tiegħek għaliha,
ukoll meta dan ikun ifisser taqliba mhux żgħira.
Dil-qalb ħielsa hija qalb miftuħa għall-proxxmu,
ukoll meta dan ikun qed jidher
li qed idaħħlu f'xi basla.
Agħtini, Mulej, qalb miftuħa għalik:
qalb li bil-grazzja tiegħek
ftit ftit tinħeles,
qalb li allura ssir kapaċi tmur lil hemm
minn dak li jista' jtellfilha t-trankwillità,
li jista' jagħmilha iebsa,
li jista' jivvelenaha.